32004D0900

L 379/108 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 24.12.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/900/PESK

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li timplimenta l-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'sostenn ta' l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tal-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK il-Kunsill adotta miżuri sabiex jiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha fil-pussess ta' Radovan Karadžić, Ratko Mladić u Ante Gotovina.

(2) Fil-15 ta' Novembru 2004 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2004/767/PESK [2], li timplimenta l-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK.

(3) Fit-12 ta' Novembru 2004, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ICTY ikkonferma li s-Sur Miroslav BRALO kien fil-kustodja tat-Tribunal. Fit-3 ta' Diċembru 2004 l-Uffiċċju tal-Prosekutur ICTY ikkonferma li s-Sur Dragomir MILOSEVIC kien fil-kustodja tat-Tribunal. Għalhekk dawn iż-żewġ persuni għandhom jitneħħew mill-lista li tinsab fl-Anness għall-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK.

(4) Il-lista li tinsab fl-Anness għall-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha għalhekk tiġi emendata.

(5) Azzjoni mill-Komunità hija meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni stabbilita fl-Anness għall-Posizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi sostitwita bil-lista stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMAN

(1) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52

(2) ĠU L 339, 16.11.2004, p. 16

*ANNESS*

**Lista tal-persuni msemmija fl-Artikolu 1**

Isem: BOROVCANIN Ljubomir
Data tat-twelid: 27.02.1960
Post tat-twelid: Han Pijesak, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: BOROVNICA Goran
Data tat-twelid: 15.08.1965
Post tat-twelid: Kozarac, Muniċipalità ta' Prijedor, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: DJORDJEVIC Vlastimir
Data tat-twelid: 1948
Post tat-twelid: Vladicin Han, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: GOTOVINA Ante
Data tat-twelid: 12.10.1955
Post tat-twelid: Il-Gżira ta' Pasman, Muniċipalità ta' Zadar, Repubblika tal-Kroazja
Nazzjonalità: Kroata
Franċiża

Isem: HADZIC Goran
Data tat-twelid: 07.09.1958
Post tat-twelid: Vinkovci, Repubblika tal-Kroazja
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: JANKOVIC Gojko
Data tat-twelid: 31.10.1954
Post tat-twelid: Trbusce, Muniċipalità ta' Foca, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: KARADZIC Radovan
Data tat-twelid: 19.06.1945
Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, Montenegro, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: LAZAREVIC Vladimir
Data tat-twelid: 23.03.1949
Post tat-twelid: Grncar, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: LUKIC Milan
Data tat-twelid: 06.09.1967
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibilment Serbja u Montenegro

Isem: LUKIC Sredoje
Data tat-twelid: 05.04.1961
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibilment Serbja u Montenegro

Isem: LUKIC Sreten
Data tat-twelid: 28.03.1955
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: MLADIC Ratko
Data tat-twelid: 12.03.1942
Post tat-twelid: Bozanovici, Muniċipalità ta' Kalinovik, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibilment Serbja u Montenegro

Isem: NIKOLIC Drago
Data tat-twelid: 09.11.1957
Post tat-twelid: Bratunac, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: PANDUREVIC Vinko
Data tat-twelid: 25.06.1959
Post tat-twelid: Sokolac, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibilment Serbja u Montenegro

Isem: PAVKOVIC Nebojsa
Data tat-twelid: 10.04.1946
Post tat-twelid: Senjski Rudnik, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: POPOVIC Vujadin
Data tat-twelid: 14.03.1957
Post tat-twelid: Sekovici, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: TODOVIC Savo
Data tat-twelid: 11.12.1952
Post tat-twelid: Foca, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: ZELENOVIC Dragan
Data tat-twelid: 12.02.1961
Post tat-twelid: Foca, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: ZUPLJANIN Stojan
Data tat-twelid: 22.09.1951
Post tat-twelid: Kotor Varos, Bosnja u Herzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina